**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 198/2022**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**(Spettur Kurt Farrugia)**

**-Vs-**

**GARETH CHLACH**

**Illum, 29 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **GARETH CHLACH** ta' 23 sena iben Aziz Chlach u Doris nee' Fava, imwieled Pieta' fl-24/11/1998, residenti fil-fond 8, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 438998M, li ġie akkużat talli :

Fis27 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħaxija u fil-ħinijiet ta' qabel, f'Ħaż Żabbar :-

1. B’mezzi xort’oħra volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-detriment ta’ Sonia Vella u/jew Luke Vella.

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser id-digriet u l-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr Ian Farrugia LL.D) fis-27 ta’ Settembru 2021;

3. Aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b’mod ieħor;

Akkuzat talli fis-16 ta’ April 2022, għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta’ filgħodu u fil-ħin ta’ qabel, fil-Birgu;

4. Ikkometta serq ta’ oġġetti nkluż ammont ta’ ramm, liema serq hu aggravat bil-valur għad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew Awtorita’ tal-Artijiet;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser id-digriet u l-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr Ian Farrugia LL.D) fis-27 ta’ Settembru 2021;

6. Aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarr il’ barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun, u cioe’ mus li kellu xafra li toħroġ iktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad, mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.

Il-Qorti kienet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta’ Gareth Chlach u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ elfejn Ewro

(€2,000) jgħaddu favur il-Ġvern ta' Malta kif stipulat fl-Art. 579(3) ta-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Luke Vella u/jew Sonia Vella u/jew individwi oħra skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-4 ta' April 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-akkużi jikkonċernaw żewġ inċidenti separati li fihom allegatament kien involut l-imputat Gareth Chlach.

**Reati li ġew kommessi fis-27 ta' Marzu 2022**

L-ewwel tliet imputazzjonijiet jirreferu għal episodju li seħħ fil-lejl tas-27 ta' Marzu 2022 meta persuna, allegatament l-imputat, ikkaġuna ħsara volontarja fuq il-bieb ta' residenza privata ġewwa Triq il-Kbira, Żabbar, għad-dannu ta' Luke Vella u Sonia Vella.

Luke Vella xehed illi kellu xi jgħid ma' Jean Claude Fava li jiġi z-ziju tal-imputat meta kien ġie jħabbatlu filgħaxija fis-27 ta' Marzu 2022 fir-residenza tiegħu ġewwa 154, Triq il-Kbira, Ħaż Żabbar, proprjeta' ta' ommu Sonia Vella, u pprova jimbotta l-bieb biex jidħol. Imbagħad, madwar sagħtejn wara, għall-ħabta tal-11.15 p.m. jew 11.30 p.m., jara lil Gareth Chlach, li identifikah minn fuq il-pedana tax-xhieda bħala l-imputat, fuq is-CCTV camera li għandu istallat fuq il-faċċata tar-residenza tiegħu, jagħti daqqa mal-bieb ta' barra u mbagħad telaq. Xehed ukoll illi meta kien ikkonfronta lill-imputat barra l-awla tal-Qorti dakinhar stess tax-xhieda tiegħu, kien qallu li lest iħallas l-ispejjeż għat-tiswija tal-parti tal-bieb li kien fiha l-ħsara, fis-somma ta' €800, bin-nifs, u hu aċċetta li dawn l-ispejjeż jitħallsu b'dan il-mod.

L-imputat ammetta fl-istqarrija li rrilaxxa waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulzija fis-16 ta' April 2022 u wara li rrinunzja għad-dritt li jkollu aċċess għal avukat[1], illi tassew kien hu li għamel il-ħsara fil-bieb tar-residenza ta' Luke Vella u dan għaliex l-istess Luke Vella kien ta xebgħa lil zijuh Jean Claude Fava u għalhekk kien mar Ħaż Żabbar fejn joqgħod Luke Vella biex ipattihielu. Stqarr ukoll li wettaq din il-ħsara bl-użu ta' martell u sostna li kien lest li jagħmel tajjeb għall-ħsarat li kkaġuna billi jħallas l-ispejjeż biex tissewwa l-ħsara.

Il-ħsara fil-bieb tar-residenza ta' Luke Vella tidher fir-ritratti esebiti mill-istess Luke Vella bħala ritratti li kien ħa huwa stess u pproduċ wkoll stima tal-ispejjeż biex wieħed mill-bibien jerġa' jsir ġdid. Din l-istima jidher li saret minn ċertu Anthony Sammut.

[1] Ara dikjarazzjoni tar-rifjut, debitament iffirmat mill-imputat u minn iktar minn żewġ xhieda, Dok. DB7.

Din il-persuna ma ġietx prodotta biex tixhed quddiem il-Qorti biex jikkonferma li kien hu li ħareġ l-istima u biex ifisser il-għaliex wieħed mill-bibien kellu jsir ġdid u ma setax jiġi msewwi. Għall-Qorti, meta hawnhekk qegħdin fil-kamp kriminali fejn għas-sejbien tal-ħtija għal reat kriminali, il-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tressaq l-aħjar prova u l-iktar prova sħiħa li tista' tinġieb fiċ-ċirkostanzi, il-mera produzzjoni ta' dokument bi stima tal-valur tal-ħsarat pretiżi, minn persuna li ma kienetx il-persuna li ħarġet l-istima, m'hijiex l-aħjar prova. Ma jirriżultax li kien hemm xi impediment, wisq inqas impediment leġittimu li minħabba fih il-Prosekuzzjoni ma ressqitx lil Anthony Sammut biex jixhed u jikkonferma li l-istima esebita bħala Dok. DB11, liema stima ma fihiex la l-firma ta' min ħariġha u lanqas data jew l-indirizz ta' fejn jinsab il-bieb li dwaru tirriferi l-istima.

F'dawn iċ-ċirkostanzi hu evidenti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi sħaħ u konvinċenti dwar il-valur tal-ħsarat, prova li hija determinanti fil-kuntest tar-reat ta' ħsara volontarja taħt l-artikolu 325 tal-Kap. 9 għaliex il-piena applikabbli tiżdied skont l-ammont tal-ħsara u għalhekk, il-prova tal-ammont tal-ħsara tinċidi fuq is-severita' kif ukoll fuq ix-xorta tal-piena li għandha tiġi erogata fuq sejbien ta' ħtija għal dan id-delitt. Huwa proprju għal din ir-raġuni li l-Qorti tesiġi li l-prova tal-ammont tal-ħsara għandha tkun waħda li ma tħallix lok għal dubju raġjonevoli u tqis ukoll illi fl-assenza ta' prova tajba dwar l-ammont tal-ħsara, għandha tiġi applikata l-piena l-inqas gravi ċioe' dik taħt il-paragrafu (d) tal-artikolu 325(1) tal-Kap. 9.

Huwa minnu illi Luke Vella meta reġa' xehed fis-26 ta' Lulju 2022 ikkonferma li l-imputat kien ħallsu tal-ħsarat kollha li kien għamel fil-bieb, iżda mkien fix-xhieda ma semma l-ammont li effettivament irċieva mingħand l-imputat u lanqas reġa' għamel riferenza għall-istima Dok. DB11 li kwantifikat l-ispejjeż tat-tiswijiet fis-somma ta' €800.

Għaldaqstant, filwaqt li huwa ppruvat konklussivament illi l-imputat wettaq il-ħsara fil-bieb tar-residenza ta' Luke Vella, ma jistax jinsab ħati tar-reat ta' ħsara volontarja fejn l-ammont tal-ħsara jeċċedi s-somma ta' €250.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli fit-tieni imputazzjoni bir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li fis-27 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tal-11.30 p.m., kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li ġie mogħti b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Settembru 2021. Ġie esebit bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża li fiha ngħata l-imsemmi digriet għall-ħelsien mill-arrest, kopja tal-istess digriet, awtentikata mid-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogatu. Minn eżami ta' dan id-digriet jirriżulta illi l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest fis-27 ta' Settembru 2021 *inter alia* taħt il-kundizzjoni li jiritra ġewwa d-dar fejn joqgħod bejn id-9.00 p.m. u s-6.30 a.m. Mill-provi, inkluż mill-konfessjoni tal-imputat innifsu, huwa stabbilit li fis-27 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tal-11.30 p.m. ma kienx ġewwa r-residenza tiegħu iżda kien fi Triq il-Kbira Ħaż Żabbar. Dan ifisser li l-imputat mhux biss ma osservax il-kundizzjoni tar-rinkażar iżda kisirha biex jikkommetti tabilħaqq ir-reat ta' ħsara volontarja. Dan kollu bi ksur tal-kundizzjoni bin-numru ħamsa (5) u l-kundizzjoni bin-numru sitta (6) tad-digriet mogħti fis-27 ta' Marzu 2021.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 talli fis-27 ta' Marzu 2022 kiser il-mistrieħ tan-nies bil-lejl b'għajjat jew ħsejjes jew mod ieħor.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marco Debono** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru tal-2011, il-Qorti qalet illi biex jiffigura r-reat taħt l-Artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali, jehtieg li l-hsejjes jammontaw ghal "*nuisance*" u cioe` jkun hemm "*substantive inconvenience and material discomfort*". Ingħad ukoll illi l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux faċilment tollerabbli, kif ukoll kontinwu u intens.

Iżda l-istess Qorti, f'sentenza sussegwenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Attard et**, qieset illi dan l-insenjament huwa ftit jew wisq assolutista u huwa iktar deziderabbli li wiehed jaddotta attitudni iktar flessibbli rigward dan ir-reat. Riaffermat ukoll illi jispetta lill-Qorti, min kaz ghal kaz u skond ir-rizultanzi processwali, li "*tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jillmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta' inkonvenjent jew le, mehud skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.*"

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, il-Qorti ma tirravviżax l-elementi meħtieġa biex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali, għaliex tqis illi f'kull kaz irid jirriżulta illi l-element materjali konsistenti fi ħsejjes, għajjat jew komportament ieħor tal-aġent, ikun wassal biex effettivament kisru l-mistrieħ tan-nies, element li huwa manifestament nieqes mill-provi li għandha quddiemha. Fil-fatt, Luke Vella, li kien l-uniku xhud prodott mill-Prosekuzzjoni in konnessjoni ma' dan -l-peisodju, imkien ma xehed li l-imputat għamel storbju jew ħsejjes li ddisturbalu l-mistrieħ tiegħu u huwa wkoll nieqes l-element sija tal-inkonvenjent kif ukoll tal-kontintwita` tiegħu liema elementi huma, fil-fehma tal-Qorti, elementi kostituttivi essenzjali ta' dan ir-reat.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jiġi liberat mit-tielet imputazzjoni.

**<u>Reati kommessi fis-16 ta' April 2022</u>**

Illi l-imputat ġie mixli wkoll b'serq aggravat kommess fis-16 ta' April 2022 għall-ħabta tat-8.30 a.m. mill-Birgu għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew l-Awtorita' tal-Artijiet, u b'reati oħrajn konnessi.

Mix-xhieda ta' PS 2366 Jessica Degiorgio jirriżulta illi fis-16 ta' April 2022 għall-ħabta tat-8.20 a.m. il-Pulizija kienu rċevew rapport anonimu li kien hemm żewġ ġuvintur fi Triq San Lawrenz il-Birgu li kienu għadhom kif serqu ammont ta' ram. Meta waslu fuq il-post sabu lill-imputat li kellu fil-pussess tiegħu ħadida twila f'idejh

kif ukoll flick knife fil-but tal-flokk, bil-manku ta' lewn kannella u x-xafra ta' madwar għaxar ċentimetri. Fil-baskett li kien qed iġorr l-imputat, instab sega u diversi wajers ta' lewn ħomor, sofor u blu, turnavit, pjanċi tal-ħadid u par ingwanti. Miegħu kien hemm Jean Claude Fava li wkoll instab iġorr pjanċi tal-ħadid u għodda.

PS 2366 xehdet illi l-wajers, ir-romblu u s-sega li nstabu fil-pussess tal-imputat u ta' Jean Claude Fava jidhru fir-ritratt Dok. DB4 u dawn ġew elevati mill-Pulizija.

Jirriżulta wkoll li l-imputat stqarr dak il-ħin li kien ħa l-oġġetti li nstabu fuqu minn ġewwa l-istabbiliment 'Casino di Venezia' fejn kien qabeż il-grada u sab il-pjanċi maġenb l-iskip, stqarrija li saret wara li kien ingħata ittra bid-drittijiet li ġew ukoll imfissrin lilu minn PS 2366.

Fl-istqarrijia rilaxxata minnu fis-16 ta' April 2022 wara li rrinunzja għad-dritt ta' aċċess għal avukat u ngħata d-drittijiet l-oħrajn lilu spettanti, l-imputat stqarr illi kien mar flimkien ma' Jean Claude Fava mill Casino di Venezia minn fejn ħadu diversi oġġetti konsistenti f'wajers, pjanċi tal-ħadid, ram u cable. Sostna li huma daħlu fil-binja minn grada li kienet imbexxqa u ma kien sar ebda sgass. Ma kienx hemm tabelli fuq din il-grada u lanqas sinjal ta' dħul ipprojibit. L-imputat stqarr li hu u sieħbu raw "*skip tal-ħadid u fih rajna biċċiet tal-wajers, pajpijiet u kanna tal-ħadid*" u kienu daħlu fl-iskip biex jieħdu dawn l-oġġetti. L-imputat ċaħad illi dawn l-oġġetti kellu jaqtagħhom bis-sega li kien stqarr li kellu fil-pussess tiegħu dak il-ħin iżda ammetta li kien ħadhom għaliex ried ibiegħhom fuq Facebook.

Dan huwa każ ta' serq. Id-definizzjoni ta' serq li ġiet adottata mill-ġurisprudenza Maltija hija dik mogħtija mill-Carrara – "*La contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro*" - jiġifieri l-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwiżit b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-*res furtiva*.

Skond il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti sabiex persuna mixlija b'serq tkun tista' tiġi misjuba ħatja, jiġifieri: "*1. The contrectatio of a thing. 2. belonging to others. 3. made fraudulently. 4. without the consent of the owner. 5. animo lucrandi.*"

Kif ingħad diġa' l-imputat jammetti fl-istqarrija tiegħu li huwa kien daħal fil-bini tal-Casino di Venezia u flimkien mal-kompliċi tiegħu, kien ħa l-oġġetti li nstabu fuqu meta ġie arrestat mill-Pulizija, fosthom pjanċi tal-ħadid u diversi wajers irromblati.

Wara li rat il-provi l-Qorti mhijiex konvinta illi l-elementi kollha tar-reat ta' serq ġew sodifaċjentement ippruvati, senjatament l-element formali tar-reat.

Fir-rigward tal-elementi formali, ingħad:-

"*Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own.*"[2]

Iżda, naturalment, sabiex il-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li kien hemm żball jew ħsieb li huwa wieħed ġenwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-iżball jew dak il-ħsieb kien wieħed raġjonevoli fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tirrikonoxxi, kif del resto inhuwa risaput, illi sabiex jista' jkun hemm it-tehid ta' oġġett u kwindi sabiex jissussisti l-element tal-*contrectatio* fir-reat ta' serq, kif ukoll l-element formali tad-*dolo*, l-oġġett tat-teħid irid ikun *res aliena*, ċioe` ħaga li tkun posseduta minn ħaddieħor u dan ghaliex persuna li tapproprija ruhha minn *res nullius* jew *res derelictae* - oġġett li jkun instab f'ċirkostanzi li juru li dak l-oġġett kien abbandunat minn sidu - ma tistax titqies li tkun wettqet ir-reat tas-serq.

Fi kliem il-Professur Mamo:-

---

[2] Notes on Criminal Law: Prof. A. Mamo, *ibid.*

"*The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking. ... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. ... The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta. ... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, f'sentenza mogħtija riċentement dwar każ konsimili[3], liema sentenza kkonfermat is-sejbien ta' ħtija mill-ewwel Qorti kif preseduta[4], qalet hekk:-

« *Biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa* res derelictae *dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minħabba l-post fejn ikun jinstab oġġett jew minħabba l-qagħda u l-kondizzjoni tiegħu, wieħed jista' jifhem li dan l-oġġett ma kienx abbandunat, iżda li jista' jkun hemm xi ħadd li jkun għadu, b'xi mod, jippossjedih jew li għandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd għal dak l-oġġett tapproprja ruħha minnu, din tkun passibbli għar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruħha mir-responsabbilta għar-reat ta' serq ta' dan l-oġġett, hi trid turi li ċ-ċirkostanzi ġenwinament ġegħluha temmen li l-oġġett li kienet approprijat ruħha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oġġett ma jappartjeni lil ħadd.* »

Jekk allura fil-mument tal-att ta' approprjazzjoni, iċ-ċirkostanzi jkunu juru li l-oġġett huwa *res aliena*, allura l-persuna li tapproprija ruħha minn dan l-oġġett mhux tagħha, mingħajr dritt fuqu u mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oggett.

[3] **Il-Pulizija v. Gianluca Carabott**, deciza 26 ta' Gunju 2020

[4] Deċiża 5 ta' Lulju 2019.

Stabbilit illi l-oġġetti li jidhru fir-ritratti Dok. KF1 sa Dok. KF6 u fir-relazzjoni Dok. VC1, l-imputat ammetta li ħadhom minn ġewwa l-bini tal-Casino Di Venezia fis-16 ta' April 2022, il-Qorti trid tistharreġ u tiddetermina jekk tassew dan il-materjal, fiċ-ċirkostanzi li fihom ġie approprjat, jistax raġjonevolment jitqies bħala *res nullius* jew *res derelictae* b'mod illi f'kaz affermattiv, ikun mankanti fil-każ odjern l-element tal-*contrectatio* kif ukoll l-element formali tad-*dolo*.

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova oġġettiva, bħal ritratt jew filmat, tal-kundizzjoni u l-istat li fih kien jinsab il-post ossia kamra li minnha allegatament ġew misruqa l-oġġetti konsistenti f'wajers, kif ukoll biex tikkuntrasta l-istqarrija tal-imputat li l-oġġetti kienu ittieħdu minn ġewwa skip li kien hemm fil-kamra u li kien hemm aċċess miftuħ għal ġo din il-binja. Madankollu, PS 2366 Jessica Degiorgio iddeskriviet fid-dettall fit-testimonjanza tagħha, il-qagħda tal-binja li minn ġo fiha l-imputat ikkonfessa li ħa l-oġġetti li ġew elevati mill-pussess tiegħu. Hija xehdet li l-bieb biex tidħol fil-binja huwa sgassat, "*il-bini huwa abbandunat*" u "*l-grada mitluqa ħafna jiġifieri faċilment taqbiżha u faċli tidħol fiha*". Xehdet ukoll illi l-intern tal-binja wkoll huwa abbandunat tant illi meta daħlet fil-kamra li minnha ttieħdu l-oġġett allegatament misruqin, rat li kien fiha ħafna imbarazz u kkonfermat ukoll li l-bieb li jagħti aċċess minn barra għal din il-kamra, ilu ħafna snin sgassat.

Din id-deskrizzjoni hija konsistenti mal-fatti mistqarra mill-imputat waqt l-interrogazzjoni fejn qal li ma kien sar ebda sgass biex daħal fil-binja ma tagħmel xejn biex tikkuntrasta l-verzjoni tiegħu li l-oġġetti ittieħdu minn ġo skip tal-ħadid li kien hemm f'din il-kamra.

Il-Qorti rat ukoll ir-ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni tal-oġġetti allegatament misruqa. Dawn jikkonsistu f'wajers u romblu tar-ram kif ukoll biċċiet ta' ħadid. Oġġetti li jidhru b'mod evidenti li huma antiki u mhux użati u f'kull każ, ma ġiex muri li kienu qed iservu xi skop u jew li kienu konnessi ma' xi servizzi fil-binja u ma kienux oġġetti

mormija. Huwa minnu li l-espert ġudizzjarju esprima l-fehma li dawn il-wajers kienu maqtugħin iżda l-Qorti ma riskontrat xejn fl-atti u fil-provi li jistabbilixxi konklussivament illi dawn il-wajers ġew maqtugħa mill-imputat jew mill-kompliċi tiegħu jew li jeskludi li dawn ma kienux diġa' maqtugħin.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatt li l-imputat daħal f'binja u għalhekk ġewwa proprjeta' li jappartjeni lil xi ħadd, m'huwiex biżżejjed biex jirradika l-intenzjoni doluża u l-element tal-*concretatio* għaliex jekk il-binja tkun waħda mitluqa, b'aċċess miftuħ u abbandunata fuq medda ta' diversi snin, u l-oġġett ittieħed minn kamra li kienet - skont ix-xhud tal-Prosekuzzjoni nnifisha - mimlija imbarazz, fil-fehma tal-Qorti dan jagħti lok għal inferenza leġittima li imbarazz mitluq fl-istess binja mitluqa kien abbandunat minn sidu u mhux *res aliena*. Fil-fatt, ma hemm xejn fil-provi proċesswali li jissuġġerixxi li dawn il-wajers u ram ma kienux fost l-imbarazz li ddeskriviet PS 2366 li rat fil-kamra u li kienu jappartjenu lil xi ħadd.

Minn eżami tas-sentenza li ġiet esebita fl-atti fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Artijiet v. Port Cottonera Hotel Development Company Limited et** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar 2022, jirrizulta illi l-binja, li hija l-proprjeta' tal-Gvern, kienet fil-pussess tal-kumpannija Scamps Development Co. Limited bis-saħħa ta' konċessjoni emfitewtika liema konċessjoni ġiet itterminata b'effett tal-istess sentenza u dan minħabba nuqqas ta' ħlas tal-canone sa mill-inqas is-sena 2015. Karl Borg, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet xehed illi minkejja d-deċiżjoni fil-kawża msemmija u l-fatt li ma kienx hemm appell interpost mis-sentenza, sat-13 ta' Settembru 2023, l-Awtorita' tal-Artijiet ma kienx għadha kisbet lura l-pussess fiżiku tal-fond ossia ċ-ċwievet mill-emfitewti preċedenti. Għall-Qorti dan ifisser li huwa eskluż illi l-oġġetti li nstabu fil-pussess tal-imputat u l-kompliċi tiegħu u li ġew esebiti formalment fl-atti tal-proċeduri bħala l-allegat *res furtiva,* huma proprjeta' tal-Gvern ta' Malta u jew tal-Awtorita' tal-Artijiet jekk fiż-żmien tal-allegat kommissjoni tar-reat, 16 ta' April 2022, il-Gvern kien għadu ma ġiex reintegrat fil-pussess materjali tal-fond. Fil-fatt, ma jirriżultax illi l-Gvern jew l-Awtorita' tal-Artijiet għamlu rapport dwar materjal misruq minn ġewwa l-Casino di Venezia u ma

jirrizultax lanqas illi l-Gvern jew xi ħaddieħor irrapporta dawn l-oġġetti bħala misruqa.

Magħdud dan il-fatt illi kif xehdet PS 2366 Jessica Degiorgio, il-binja kienet ilha diversi snin li ġiet abbandunata fi stat dilapidat u jekk tassew dawn il-wajers u biċċiet tal-ħadid antiki kienu xi darba tal-emfitewta Scamps Development Co. Limited, għall-Qorti hu manifest li din il-kumpannija kienet abbanduntahom flimkien mal-imbarazz l-ieħor li hemm fil-post u ma għamlet xejn, għal ħafna żmien, biex turi li dawk il-ħwejjeġ li seta' kien għad hemm fil-binja miftuħa u dilapidata, ma kienx tassew mormi sija qabel, *multo magis* **wara** t-terminazzjoni tal-konċessjoni emftewtika.

Aktar minn hekk, ma jirriżultax illi l-imputat kien mar jieħu dawn l-oġġetti bil-lejl fid-dlam jew bil-moħbi għaliex ir-rapport anonimu daħal fil-għodu għall-ħabta tat-8.20 a.m. fid-dawl tax-xemx u barra dan, kif diġa' stabbilit, il-binja hija faċilment aċċessibbli bil-bieb sgassat. Fil-fatt, mill-provi hu stabbilit li l-imputat instab barra ħanut ġewwa l-Birgu biss ftit ħin wara l-allegat serqa, u għalhekk fil-viċinanzi tal-lok tal-allegat reat, li jfisser li ma kienx ħarab minn fuq il-post u barra dan, meta l-Pulizija waqqfuh, kellu ħadida f'idejh u mhux ġoħ-baskett tiegħu. L-imputat, barra dan, mingħajr tlaqliq stqarr illi kien bi ħsiebu jbiegħ l-oġġetti li kien ħa minn din il-binja mitluqa, fuq Facebook.

F'dawn iċ-ċirkostanzi kollha kkunsidrati komplessivament, isib riskontru sħiħ dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza riċenti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Charlot Calleja**:

*"Illi biex oġġett jitqies li jkun abbandunat u li għalhekk ma hu ta' ħadd, irid jintwera li l-oġġett kien ġie abbandunat minn sidu b'mod li ċ-ċirkostanzi jkunu juru li sidu neħħa minn idejh il-pussess tal-oġġett u li jkun irrinunzja għall-jedd ta' sid fuq l-istess oġġett. Jekk dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżultawx allura jkun jista' jikkonfigura r-reat ta' serq. Dan peress li l-element formali fir-reat tas-serq jeħtieġ l-għarfien tal-aġent li japproprja ruħu, ossia jikkontretta dolożament il-proprjeta ta' ħaddieħor. Huwa biss l-*

*iżball ġenwin li jista' jitnissel meta ċ-ċirkostanzi jkunu juru, b'mod ċar u inekwivokabbli li l-oġġett kien abbandunat minn sidu jew li l-oġġett kien jappartjeni lilu, li din l-intenzjoni ma titqiesx integrata. Eżempju li juri meta jista' jkun hemm dan l-iżball ġenwin huwa meta l-oġġett ma jitteħidtx bil-moħbi, jew inkella meta dak li jkun ma jippruvax jaħbi li huwa ħa dak l-oġġett."*[5]

Il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma seħħilhiex tipprova fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali illi l-imputat kien jaf li kien qed jikkontretta dolożament il-proprjeta' ta' ħaddieħor u li ma setax ma kienx jaf li l-oġġetti li ħa minn ġewwa l-binja ma kienux abbundanti. Għall-kuntrarju, il-kwadru tal-fatti li joħroġ mill-provi juri b'mod pjuttost manifest illi l-oġġetti kienu abbandunati mill-entita' li kienet tokkupa s-sit qabel dan irriverta lill-Gvern – konklużjoni li hija sorretta mix-xhieda ta' Karl Borg u s-sentenza Dok. KF1 - u għahekk, kollox magħdud, il-Qorti tqis illi jeżisti dubju altru minn raġjonevoli li l-oġġetti allegatament misruqa, kienu res aliena u kollox jindika li kienu res derelicate.

L-imputat għalhekk mhux ser jinsab ħati tar-raba' imputazzjoni dwar ir-reat ta' serq aggravat.

Konsegwentement, billi l-ħames imputazzjoni hija marbuta essenzjalment mar-reat allegatament kommess fis-16 ta' April 2022, ma tistax tinstab ħtija għar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 in kwantu dan ġie addebitat li ġie kommess fis-16 ta' April 2022.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-artikolu 6 tal-Ordinanza dwar l-Armi, talli ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta liema xorta jkun, u ċioe' mus li kellu xafra li toħroġ 'il barra iktar minn tmien

[5] Deċiża 14 ta' Diċembru 2023.

ċentimetri mill-maqbad mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-mus li qed jiġi allegat li nstab fil-pussess tal-imputat meta ġie arrestat fis-16 ta' April 2022, ma ġiex esebit fl-atti proċesswali. Għalkemm tassew PS 2366 Jessica Degiorgio xehdet li kienet sabet dan il-mus fil-but tal-flokk li kien liebes l-imputat, liema mus kellu manku ta' lewn kannella u x-xafra ta' madwar għaxar ċentimetri, dan il-mus la ġie esebit materjalment u lanqas formalment fl-atti. Fil-fatt, dan il-mus ma jidher f'ebda wieħed mir-ritratti esebiti mill-Ispettur Kurt Farrugia li juru r-res furtiva esebit formalment bħala Dok. KF7 u lanqas jidher fost l-għodda u res furtiva fir-ritratt Dok. DB4.

Għalkemm huwa minnu li PS 2117 Sylvia Zarb xehdet li mir-riċerka li wettqet fis-sistema tal-Pulizija dwar ir-reġistrazzjoni tal-armi, ma sabet ebda liċenza maħruġa f'isem l-imputat biex iżomm jew iġorr arma (Dok. SZ1), in mankanza tal-prova essenzjali tal-oġġett innifsu, il-Qorti tinsab fl-impossibbilita' li ssib lill-imputat ħati li ġarr mus, wisq inqas mus li jkollu xafra li tohrog mhux iktar minn tmien centimentri mill-maqbad bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Kap. 480.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ma jistax jinstab ħati lanqas illi wettaq reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation, kif addebitat fis-sitt imputazzjoni. Huwa minnu illi din l-imputazzjoni ġiet marbuta mal-kommissjoni tar-reat ta' serq aggravata fis-16 ta' April 2022 kif ukoll mal-kommissjoni tar-reat ta' ħsara volontarja fis-27 ta' Marzu 2022, għaliex l-imputazzjoni ġiet imfassla biex tirreferi għal reati li ġew kommessi "*fl-istess dati, lok u ħin*" u mhux limitatament mar-reat kommess fis-16 ta' April 2022.

Madankollu, il-Qorti wara li rat il-kopja legali tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia fis-17 ta' Jannar 202 (Dok. SCT1 u Dok. SCT2), tosserva illi l-imputat ġie mixli fiċ-ċitazzjoni li wettaq reat waqt

li kien taħt Ordni ta' Probation mogħti b'sentenza "*mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia*" u mhux sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia. F'dan il-kwadru ta' diskrepanzi bejn il-kliem tal-imputazzjoni kif imfassla, u r-riżultanzi mill-provi, u fin-nuqqas ta' talba min-naħa tal-Prosekuzzjoni biex issir id-debita korrezzjoni, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tal-addebitu li wettaq ir-reat fis-27 ta' Marzu 2022 meta kien taħt Ordni ta' Probation mogħti mill-Qorti ta' Malta kif preseduta mill-Maġistrat Ian Farrugia.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli bħala reċidiv.

Minn eżami tal-unika sentenza li kopja awtentikata tagħha ġiet esebita fl-atti proċesswali, mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Ottubru 2020 (liema sentenza ġiet esebita darbtejn: Dok. SCT1 u Dok. SCT2) jirriżulta illi Gareth Chlach bl-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern, ċioe' 438998M, instab ħati ta' reati kriminali u nħareġ fil-konfront tiegħu Ordni ta' Probation għal tliet snin. Għall-Qorti dan ifisser li l-imputat ma ġiex ikkundannat permezz ta' din is-sentenza għaliex ġie applikat fil-konfront tiegħu id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kap. 446, liema sanzjoni l-liġi tispeċifika li tingħata mill-Qorti *"minflok tagħti sentenza dwar il-ħati*". Għalhekk, mingħajr kundanna, dawn is-sentenzi ma jiswewx bħala prova li l-imputat huwa reċidiv la taħt l-artikoli 49 wisq inqas taħt l-artikolu 50 tal-Kap.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti kkunsidrat illi l-imputat għandu fedina penali netta. Huwa minnu illi mill-provi jirriżulta illi kien diġa' tqiegħed taħt Ordni ta' Probation, iżda kif rajna, mhux qed tinstab ħtija li wettaq ir-reat taħt l-artikolu 325(1) tal-Kap. 9, li dwaru qed tinstab ħtija llum, fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 23 tal-Kap. 446. Barra dan il-fatt illi l-imputat ħallas lura lil Luke Vella d-danni kollha minnu pretiżi in konnessjoni mal-ħsara ikkaġunata mill-imputat meta wettaq ir-reat taħt l-artikolu

325(1) tal-Kap. 9 u l-fatt illi ma ġiex ippruvata kif imiss l-entita' tal-ħsara attwalment ikkawzata b'riżultat tar-reat. Dan ifisser li l-piena applikabbli għar-reat taħt l-ewwel imputazzjoni hija piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet.

Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi, il-piena l-iktar idonea fuq sejbien ta' ħtija għar-reat fl-ewwel imputazzjoni hija sanzjoni fil-komunita' u mhux piena karċerarja. Dan jgħodd ukoll għall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest: il-Qorti hi sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal tal-probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-ħati u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-ħruġ ta' Ordni ta' Probation ikun adatt.

Madanakollu, fl-istess waqt ma tistax ma tordnax il-konfiska mandatorja ta' parti mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, favur il-Gvern ta' Malta, bl-applikazzjoni tassattiva tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reati addebitati fit-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 17, 325(1)(d) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil GARETH CHLACH ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoniijet u tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal tliet snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta limitatament għad-depozitu fis-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mill-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Settembru 2021 (Dok. EH1) li permezz tiegħu l-ħati kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi**

**reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jimplementa l-ordni għall-konfiska mogħtija taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**